# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 1 ta' Frar 2001**

**Numru 65**

**Citaz. numru: 1551/93 NA**

**Carmelo Pace**

**vs**

**Alfred Vella**

**Hlas ghal xoghol ta' lavur - Rapport Tekniku - Min jallega jrid jipprova.**

**Sakemm ma jkunx hemm ragunijiet gravi u serji l-Qorti qieghdha tistrieh fuq ir-rapport tekniku f'materja teknika. Il-konvenut naqas li jipprova dak minnu allegat fl-eccezzjonijiet u fil-kontro-talba tieghu w it-talbiet attrici ghalhekk gew milqugha.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoniypprezentata mill-attur fit-8 ta' Novembru 1993 fejn ippremetta:

“Illi l-attur, fuq inkarigu w ordni tal-konvenut, ezegwixxa ghall-istess konvenut xoghol ta’ lavur fil-gebel b’materjal ta’ l-istess konvenut u dana ghall-prezz komplessiv ta’ elf erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1425) kif jidher aktar dettaljat fid-dokument hawn anness u mmarkat Dokument “A2;

Illi l-istess ordni giet debitament konsenjata lill-konvenut f’okkazzjonijiet diversi - bl-ahhar parti ta’ l-ordni konsenjata fil-15 ta’ Jannar 1993;

Illi, nonostante diversi talbiet biex ihallas dan l-ammont, anke permezz ta’ ittra registrata, l-konvenut baqa’ inadempjenti;

TALAB li din il-Qorti:-

1. tikkundanna l-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta’ elf erba’ mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1425) import ta’ prezz ta’ gebel lavurat konsenjat mill-attur lill-konvenut u liema xoghol gie ezegwit mill-attur fuq inkarigu w ordni ta’ l-istess konvenut, u dana flimkien ma’ l-imghaxijiet legali mill-15 ta’ Jannar 1993, data ta’ l-ahhar konsenja, sad-data ta’ l-effettiv pagament.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra interpellatorja regisstrata tas-26 ta' Mejju 1993 u ta' l-ittra ufficjali tad-9 ta' Gunju 1993 kontra l-konvenut li huwa ngunt ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenutipprezentata fl-14 ta' Marzu 1994 fejn eccepixxa:

1. Illi t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li parti mix-xoghol ma sarx skond l-arti s-sengha w in oltre sar tardivament b'mod li l-eccipjent inkorra fi spejjez biex seta' jitranga d-difett in parola w anke garrab danni ohra. In oltre l-attur qed jitlob Lm375 ghall-gebel provvdut spejjez ta' l-istess eccipjent;

2. Salvi eccezzjonijiet ohra."

Rat il-kontro-talba pprezentata mill-konvenut fl-14 ta' Marzu 1994 li biha ppremetta:

1. Illi l-konvenut ta appalt lill-attur;

2. Illi skond il-ftehim l-attur fl-ewwel lok intrabat li jaghmel xoghol ta’ lavur fil-gebel b’mod li kull gebla jkollha speci ta’ gost u fit-tieni lok kellu jikkonverti numru ta’ gebel f’forma ta’ bocci biex jitqieghdu fuq kaptelli li wkoll kellhom jinhadmu mill-attur;

3. Illi l-attur ipprovda l-gebel kollu;

4. Illi dan ix-xoghol kellu jitlesta hamest ijiem qabel it-tmiem tal-1992 u f'kaz ta' inadempjenza l-attur kien gie espressament imwissi mill-konvenut illi l-istess konvenut kien jinkorri f'penali ta' Lm30 kulljum billi dan ix-xoghol kellu jinghata lil terzi;

5. Illi sat-3 ta' Jannar 1993 l-attur lanqas kien beda x-xoghol;

6. Illi in segwitu x-xoghol inbeda b'ghaggla kbira u tlesta fi zmien gimgha;

7. Illi parti mix-xoghol ma sarx skond l-arti w is-sengha b'mod li l-konvenut ta lill-attur biex jirrimedja d-difetti, izda l-attur baqa' inadempjenti w eventwalment l-attur espressament

inkarigu lill-konvenut biex iqabbad lill-haddiehor biex jirrimedja d-difetti u fil-fatt hekk sar;

8. Illi in vista ta' l-agir ta' l-attur il-konvenut garrab id-danni billi huwa kellu jhallas multa ta' seba' mija u ghoxrin lira (Lm720) bir-rata ta' tletin lira (Lm30) kulljum fuq medda ta' 24 gurnata;

9. Illi l-attur naqas li jaghmel tajjeb ghad-danni mgarrba mill-konvenut ghalkemm mitlub bonarjament ghal dan il-ghan;

TALAB illi din il-Qorti:-

1. tiddikjara lill-konvenut responsabbli ghad-danni kollha imgarrba mill-konvenut konsistenti fil-hlas indebitament ta' multa ta' tletin lira (Lm30) kulljum fuq medda ta' 24 gurnata;

2. tillikwida id-danni mgarrba mill-konvenut fis-somma globali ta' seba' mija u ghoxrin lira (Lm720);

3. tikkundanna lill-attur biex ihallas lill-konvenut id-danni hekk likwidati fis-somma ta' seba' mija u ghoxrin lira (Lm720).

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenut pprezentata mill-attur fil-5 ta' April 1994 li biha eccepixxa:

1. Illi t-talba mressqa mill-konvenut hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan kif jirrizulta ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

2. Illi l-attur m'ghandux jitqies responsabbli ghad-danni li l-konvenut qed jallega li sofra;

3. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Fil-25 ta' April 1994 gie nominat il-Perit Tekniku A.I.C. David Pace minn din il-Qorti diversament presjeduta.

Ir-relazzjoni tal-Perit Tekniku giet ipprezentata fil-25 ta' Awissu 1997 u mahlufa fl-24 ta' Settembru 1997. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ghad-9 ta' Dicembru 1997 f'liema seduta l-attur, tramite d-difensur tieghu, irremetta ruhu ghar-rapport peritali.

Il-Perit Tekniku zamm 12-il seduta ghall-gbir tal-provi u access. Il-konvenut naqas illi jressaq provi ghalkemm gew iffssati zewg seduti b'ordni tal-Qorti.

Il-Perit issottometta illi b’dina l-azzjoni l-attur hadem xoghol ta’ lavur fil-gebel fuq inkarigu tal-konvenut u qieghed jitlob hlas ghax-xoghol kif irrizulta minn Dokument “A”.

Il-konvenut naqas illi jressaq provi fir-rigward tad-difetti fix-xoghol ta’ l-attur u x-xoghol tardiv.

Il-partijiet qablu illi l-valur tax-xoghol huwa Lm1425 (pagna 2 tal-verbali tas-seduti). Ma hemmx kontestazzjoni dwar l-ammont.

Il-konvenut ma ressaqx provi sabiex jissostanzja l-allegazzjonijiet illi semma fl-eccezzjonijiet u ghalhekk l-ammont mhux ikkontestat u ghandu jibqa’ bhala l-ammont reali rapprezentanti x-xoghol illi esegwixxa l-attur.

Il-Perit Tekniku ispezzjona x-xoghol esegwit mill-attur f'Pinto Wharf u jidhirlu illi x-xoghol huwa ta' kwalita' accettabbli u ma fihx difetti illi jistghu jiggustifikaw tnaqqis fil-prezz tax-xoghol ta' l-attur. Mix-xhieda ta' l-attur jirrizulta illi qatt ma kien hemm kummenti dwar ix-xoghol tieghu fuq il-kaptelli, fuq il-bocci ta' fuq il-kaptelli u fuq il-kolonni li nhadmu ghal Bank ta' San Giljan, (illi ma gewx ispezzjonati mill-Perit). F’Pinto Wharf ix-xoghol huwa

mghaqqad b'mod sodisfacenti, pero' jirrizulta illi hemm certi hnieki fin-naha ta' taht illi mhumiex imlaqqghin perfettament. Il-Perit ma jarax ghalfejn ma jaccettax il-verzjoni ta' l-attur illi l-ftehim mal-konvenut kien jinkludi illi jdur bix-xoghol ma' dan il-wicc ta' taht. Jirrizulta pero' illi l-attur ghalkemm ma kienx dovut illi jirfina fuq din in-naha, xortaipprova jlaqqa' ix-xoghol b'mod accettabbli. It-talbiet attrici ghalhekk ghandhom jigu milqugha.

Ikkunsidrat:-

Illi stante n-natura prettament teknika tal-kaz il-Qorti hija kwazi obbligata tistrieh fuq il-parir tekniku.

> "*Il-Qorti trid tghid mill-ewwel illi sakemm ma jigux indikati oggezzjonijiet gravi u serji ta' piz tali li jinducuha li tissostitwixxi l-gudizzju taghha ghal dak ta' tekniku, dan ma taghmlux.*" (Qorti ta' l-Appell - Sede Inferjuri - "Bonett vs Lewis" - 1/3/94).

F'dan il-kaz dan il-principju huwa msahhah bil-principju legali l-iehor li min jallega jrid jipprova. Il-konvenut ma ressaq ebda prova biex jissostanzja dak minnu allegat fl-eccezzjonijiet tieghu u fil-kontro-talba li huwa ghamel. Lanqas ma pprova jikkritika bl-ebda mod ir-rapport tekniku peritali.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-kawza hija deciza billi l-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u l-kontro-talba tieghu, tilqa' t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur is-somma ta' elf erba' mija u hamsa u ghoxrin lira Maltin (Lm1425) import ta' prezz ta' gebel lavurat konsenjat mill-attur lill-konvenut u liema xoghol gie esegwit mill-attur fuq inkarigu w ordni ta' l-istess konvenut u dana flimkien ma' l-imghaxijiet legali mill-15 ta' Jannar 1993 data ta' l-ahhar konsenja sad-data ta' l-effettiv pagament u dan ukoll bl-ispejjez tal-kawza kif mitluba.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur

rf.